| FESTA SAN PIETRU U SAN PAWL - DĦUL U ĦRUĠ 2025 | | |
|---|---|---|
| | **DĦUL** | **ĦRUĠ** |
| | **€** | **€** |
| Ġbir mid-djar u envelopes | 14,783.54 | |
| Ġbir waqt il-ħruġ tal-istatwa ta' San Pietru u San Pawl | 3,543.45 | |
| Donazzjonijiet għall-fjuri | 860.00 | |
| Emanuel Camilleri - donazzjoni A2 Poster Festa | 100.00 | |
| Donazzjoni Għaqda tan-Nar SSPP | 300.00 | |
| Rivista *Luminaria* | 120.00 | |
| Materjal stampat | | 815.00 |
| Arranġamenti tal-fjuri | | 1,325.10 |
| Refreshments | | 542.45 |
| Liturġija | | 470.00 |
| Daqq ta' qniepen | | 140.00 |
| Permessi tal-Pulizija | | 310.40 |
| Applikazzjoni Enemalta | | 1,328.81 |
| Armar u konsum tad-dawl tat-toroq u tal-knisja | | 6,839.40 |
| Servizz mużikali (inkluż alloġġ u ikel) | | 7,805.40 |
| Rivista *Luminaria* | | 6,049.99 |
| **TOTAL** | **€19,706.99** | **€25,626.55** |
| **Żbilanċ** | | **€ -5,919.56** |

Il-ġabra li saret b'risq il-poplu ta' Gaża laħqet is-somma ta' €3,046.83.
Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Siegħa Adorazzjoni fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù** nhar is-Sibt 4 t'Ottubru, fit-8.15am; bit-tpattija lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Ejjew ingħaqdu magħna fit-talb!

**Il-laqgħat tal-Azzjoni Kattolika** tal-fergħat xebbiet u rġiel ser jibdew il-ġimgħa d-dieħla. It-Tlieta tax-xebbiet u l-Erbgħa tal-irġiel, f'Dar Luminarja, fil-5.00pm. Il-laqgħat tal-fergħa nisa ser tibda nhar it-Tnejn 6 t'Ottubru, fid-9.00am b'quddiesa fil-kappella tas-Sorijiet.

**Laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù** nhar it-Tnejn 6 t'Ottubru fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani: Rużarju fl-4.00pm u wara Quddiesa ċċelebrata minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**Ir-Rużarju f'żoni differenti tar-raħal**: Nhar il-Ġimgħa 10 t'Ottubru se jingħad għall-pubbliku fi Triq Cocco Palmieri. Jibda fil-5.30pm. Ejjew ingħaqdu magħna biex infaħħru lil Marija.

**Il-quddies organizzat fix-xahar ta' Novembru fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta** (Ċimiterju ta' Kenuna), mill-kumitati, għaqdiet, jew individwi oħra għandu jiġi bbukkjat fuq 79288998 jew 79267330 ħalli ma jkollniex overbookings.

**Ġabra għan-nar tal-Festa ta' San Koronatu Martri:** Il-membri ser joħorġu iduru bieb bieb nhar il-Ħamis 9 t'Ottubru. Dawk li ma nsibuhomx id-dar se nħallulhom envelop li jista' jintefa' fil-letterbox tal-uffiċċju tal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl, fi Strada Rjali, Triq Diċembru 13, in-Nadur. Bl-għajnuna tagħkom nistgħu norganizzaw spettaklu ta' nar kif jixraq għall-festa ta' San Koronatu. Grazzi tal-ġenerożità tagħkom.

**Il-kalendarju tal-parroċċa 2026** qed jitħejja f'dawn il-ġranet. Fih xtaqna nipprovdu wkoll lista ta' kuntatti tat-telefon tas-servizzi li nistgħu niġu bżonn bħalma huma ristoranti, bars, ħwienet u negozji bi ħtiġijiet għad-dar, kif ukoll servizzi tal-kura u s-saħħa fiżika. Għalhekk qed insejħu lil dawk in-Nadurin kollha li qed joffru servizzi ta' dan it-tip fir-raħal tagħna jew fi rħula oħra sabiex jekk jixtiequ jikkuntattjaw l-uffiċċju parrokkjali jew lil Maria Attard u Grace Portelli, ħalli nqiegħdu l-kuntatt tagħhom f'paġna apposta fil-kalendarju tal-2026.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am